MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-17 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 891/2000/1

**Francis Schembri u Lourdes Schembri f'isimhom proprju u bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri Rodrick; u Rita Schembri**

**vs**

**Josef Farrugia;**
**Massimo Lovegrove;**
**Yonis Limited, li b'digriet tal-Qorti tad-9 ta' Gunju 2004 giet awtorizzata korrezzjoni fl-isem tas-socjeta' konvenuta u l-kelma 'Yonis Limited' ghandha tinbidel ghal 'Yoris Limited'; u**
**Johann Mifsud, Hubert Mifsud u Joseph Scicluna gew kjamati in kawza b'digriet tat-2 ta' Lulju 2001**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta' Francis Schembri u Lourdes Schembri f'isimhom proprju u bhala legittimi rapprezentanti ta'

binhom minuri Rodrick, u Rita Schembri, li permezz taghha, wara li ppremettew illi:

Fl-14 ta’ Novembru 1998, iben l-atturi Francis u Lourdes konjugi Schembri, u cioe’ Saviour sive’ Sammy Schembri ta’ 22 sena, mar flimkien ma’ shabu ghal ‘rave party’ bl-isem “Trigger” li nzamm gewwa l-istabbiliment, ossia ‘night-club’ bl-isem “Gianpula” fi Triq it-Tigrija, Rabat;

Ghall-habta tas-saghtejn ta’ filghodu (2.00am) tal-15 ta’ Novembru 1998, l-imsemmi Sammy Schembri hassu hazin fuq id-*dance floor* tal-imsemmi ‘night-club’;

L-imsemmi Sammy Schembri ttiehed lejn l-isptar ghall-kura medika izda miet fit-triq;

Irrizulta li d-decuius miet kagun ta’ droga tat-tip “ecstasy” li huwa ottjena minghand il-konvenut Josef Farrugia, u dan tal-ahhar gie sussegwentement akkuzat bil-qtil involontarju tad-decuius, kif ukoll b’pussess u traffikar ta’ droga ecstasy u pussess ta’ droga cannabis;

L-imsemmi ‘rave party’ kien organizzat mill-konvenut Massimo Lovegrove, filwaqt illi l-imsemmi ‘night-club’ huwa proprjeta’ u huwa amministrat mis-socjeta’ konvenuta Yonis Limited;

L-istabbiliment *de quo*, u s-sigurta’ mahsuba fl-istess stabbiliment ma kinux idonei ghall-volum ta’ pubbliku li kellu jilqa’ l-istess stabbiliment;

L-atturi huma l-eredi tad-decuius u konsegwentement soffrew danni.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli tal-mewt tal-istess Saviour Schembri li sehhet gewwa l-istabbiliment, ossia ‘night-club’ bl-isem “Gianpula” fi Triq it-tigrija, Rabat, ghall-habta tas-saghtejn ta’ filghodu (2.00am) tal-15 ta’ Novembru 1998;

Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-atturi kawza tal-mewt tal-imsemmi Saviour Schembri;

Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi, id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew min minnhom, ingunti in subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Yoris Limited, li in forza taghha eccepiet illi:

In-nullita' tac-citazzjoni stante li fit-23 ta' Frar 1998, is-socjeta' Yoris Limited amalgamat mas-socjeta' Emmemdi Limited u ghalhekk is-socjeta' Yoris Limited m'ghadhiex tezisti;

Inoltre u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici kif diretti kontra s-socjeta' eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante illi s-socjeta' eccipjenti ma kienet bl-ebda mod involuta fl-organizazzjoni tar-'rave party' in kwistjoni. Is-socjeta' eccipjenti kellha ftehim verbali mal-konvenut l-iehor Massimo Lovegrove fejn hija kkoncedietlu l-uzu tan-'night-club' Gianpula ghal gurnata tal-14 ta' Novembru 1998, u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Josef Farrugia, li in forza taghha eccepixxa illi:

In linea preliminari, ma jissussistux provi konklussivi ta' natura forensika li jikkonfermaw x'kienet il-kawza tal-mewt tad-decuius.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma tezisti ebda prova esawrienti u inkonfutabbli li

tistabilixxi li d-decuius effettivament ikkonsma l-pillola tal-ecstasy li kienet giet moghtija lilu mill-eccipjent.

Fl-ipotesi biss li l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet m'humiex fondati, fi kwalunkwe kaz, kif jigi pruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, tirrizulta l-konkorrenza tal-istess decuius minbarra l-konkorrenza ta' terzi, inter alia, Johann Mifsud u huh Hubert Mifsud u Joseph Scicluna li konsegwentement ghandhom jigu kjamati in kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, Massimo Lovegrove ma wegibx ghall-kawza u lanqas deher fil-Qorti.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta datat 2 ta' Mejju 2011, li in forza tieghu gew imsejha fil-kawza Joseph Scicluna, Johann Mifsud u Hubert Mifsud.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Joseph Scicluna, li permezz taghha eccepixxa illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent Joseph Scicluna ma kienx bl-ebda mod responsabbli tal-mewt ta' Saviour Schembri li sehhet fin-'night-club' bl-isem Gianpula, fi Triq it-Tigrija, Rabat, nhar il-15 ta' Novembru 1998, kif se jkun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati, Johann Mifsud u Hubert Mifsud ma ressqu ebda twegiba u lanqas deheru fil-Qorti.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lid-difensuri tal-atturi u tas-socjeta' konvenuta Yoris Limited jittrattaw il-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2011, li permezz tieghu, l-intimati kollha nghataw terminu biex iressqu sottomissjonijiet bil-miktub, izda, minkejja dan, baqghu ma ressqux noti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza jafu l-bidu taghhom f'party li sar fl-istabbiliment "Gianpula" fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Novembru 1998. Jirrizulta illi grupp ta' zghazagh ftehmu biex jattendu flimkien. Ftehmu ukoll illi, kif kienu ghamlu diga' f'party iehor qabel, jixtru u jikkonsmaw pilloli "ecstasy". Hekk ghamlu fil-karozza huma u sejrin il-party. Waqt il-party, wiehed minnhom, Sammy Schembri, hassu hazin u miet ftit tal-hin wara. Il-familja tieghu qeghdin, permezz ta' din il-kawza, jipprocedu kontra s-sidien ta' Gianpula, kontra l-organizzatur tal-party, kontra l-persuna li bieghet l-ecstasy lill-mejjet, cioe' Josef Farrugia. Dan tal-ahhar talab li jiddahhlu fil-kawza l-ahwa Mifsud, li kienu fil-kumpanija tal-mejjet, kif ukoll Joseph Scicluna, li minghandu, l-istess Farrugia xtara d-droga.

Il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghall-principju tal-ligi in subiecta materia kif stabbilit fl-Art. 1032 tal-Kodici Civili li testwalment jipprovdi illi:

"*1032. (1) Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

*(2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar.*"

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "Barbara vs Mizzi" (7 ta' Ottubru 2005), il-Qorti trid tara jekk missier prudenti, fl-istess cirkostanzi, kienx jagixxi fl-istess mod fil-konfront ta' ibnu.

Tirreferi ukoll ghall-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati li jsostni illi "hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm

lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita' bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza" (Vol. XLIV, p.(1), pag. 343) ("Debono vs Muscat" – Appell Kummercjali).

Huwa fid-dawl ta' dawn il-principji li l-Qorti ezaminat b'reqqa kbira kull xhieda prodotta fil-konfront ta' kull wiehed mill-konvenuti li fuqhom l-atturi qed jitfghu il-htija tal-akkadut.

Yoris Limited

L-atturi f'din il-kawza jsostnu illi l-htija ghall-akkadut taqa' fuq l-imsemmija socjeta' li hija proprjetarja u tiggestixxi l-istabbiliment "Gianpula". Ir-raguni li jsostnu hekk, skont huma hija li s-sigurta' mahsuba fl-istess stabbiliment u l-qies tal-istabbiliment stess ma kinux idoneji ghall-volum ta' pubbliku li attenda ghall-party. Fil-fehma tal-Qorti, l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw dak li allegaw. Ma jirrizulta ebda nuqqas tas-socjeta' konvenuta, partikolarment in vista tal-fatt li d-droga ttiehdet qabel ma l-mejjet dahal fil-party.

Is-Supretendent Sandro Gatt xehed hekk:

"*Is-Sur Degiorgio kien prezenti fil-kors tal-investigazzjoni taghna jigiferi kien prezenti meta kien hemm il-party u fil-fatt jiena kellimtu. Jiena kont ghidtlu li jiena kont Pulizija qed naghmel l-investigazzjoni. Fil-fatt, meta kont hemm, dort l-exits biex nara x'hemm u x'm'hemmx, dort ukoll il-fountains tal-ilma biex nara jekk kienx kollox skond ir-regolamenti. Indunajt illi fil-fatt, jiena kont kellimtu lis-Sur Degiorgio qabel ma beda l-party u ccekkjajt dawn l-affarijiet qabel ma beda l-party. Fil-fatt, ahna konna ccekkjajna l-post qabel ma beda l-party, sibna kollox regolari u tajna l-permess taghna biex il-party ikun jista' jsir. Jiena kont irrimarkajtlu illi water fountains kien hemm ftit, pero' kont irragunajt li kien hemm it-toilets u allura kien hemm fejn in-nies setghu jinqdew. Jiena lis-Sur Degiorgio m'ghidtlu xejn imma dana kien il-hsieb tieghi.*"

U jkompli in kontro-ezami:

"*Anzi nghid kien hemm water fountains ghax jiena gieli mort parties ta' 9,000 ruh u gieli ma ssib xejn. Nikkonferma li tar-Red Cross kienu hemm minn qabel ghax fil-fatt lil Sammy Schembri kienu huma li haduh l-isptar.*"

Roger Degiorgio, managing director tas-socjeta' konvenuta isostni illi:

"*Il-permessi kollha biex il-party jista` jsir kienu f`idejja u jiena kelli naghmel minn kollox biex ikun hemm l-approvazzjoni tal-Pulizija ghal party. Dak iz-zmien il-procedura kienet illi l-Pulizija jispezzjonaw il-post qabel u jaraw kif kien attrezzat. Jaraw affarijiet ta` natura ta` health and safety fosthom water fountains u prezenza ta` ambulanza u team mediku. Il-Pulizija kienu jissuggerixxu illi inti jkollok prezenza ta` ambulanza u team mediku. Fil-fatt kien hemm. L-ambulanza u t-team mediku inkun ordnajthom jien u hallasthom jiena. Jekk niftakar sew l-ispezzjoni f`dan il-kaz kienet saret gurnata qabel u jekk niftakar tajjeb kien hemm l-Ispettur Gatt.*"

Huwa jghid ukoll:

"*L-arrangament ghal party suggett ghal kawza ta` llum kien car. Mr. Lovegrove kien responsabbli tal-bejgh tal-biljetti u ghalhekk in kontroll ta` biljetti li nbieghu. Nies tieghu li kienu jkunu mal-bieb u jbieghu l-biljetti huma. L-arrangament kien kemm dwar il-bejgh tal-biljetti li kellhom ikunu f`idejn Lovegrove u kif ukoll anki l-entrata tan-nies. Ma kontx naf kemm inbieghu biljetti. Jiena ma nafx kemm ikunu nbieghu biljetti pero` ghandi nghid illi f`dik il-gurnata l-post ma kienx mimli iktar mis-soltu.*"

"*Dak iz-zmien kien hemm maximum capacity tal-post stabbilita kemm minn naha tieghi u kif ukoll minn naha tal-pulizija. Dan minn dejjem kien hekk. Dak iz-zmien kien hemm capacity ta` 2000. Dak in-nhar ma kellhiex ghalfejn niccekkja u nara wasalniex ghal limitu ta` 2000 ruh ghax kien ovvju li ma kienx hemm dan l-ammont ta` nies anzi kien hemm hafna inqas minn dan l-ammont kif diga` ghid. B`kollox kien hemm in-nies li joqghodu bil-kumdita`.*

*Ghandi nghid illi kieku gejt mistoqsi dak il-hin kemm kien hemm nies kont nghid lil pulizija u c-chance li nizbalja b`100 / 150 ruh u dana mill-esperjenza li ghandi tal-post u l-uzu tieghu. Dak iz-zmien kien hemm disponibbli ghal pubbliku bejn 1000 metru kwadru sa 1200 metru kwadru.*"

Ghaldaqstant, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-provi prodotti fil-konfront tas-socjeta' konvenuta ma jwasslux fuq bazi ta' probabilitajiet ghas-sejbien ta' responsabilita' tas-socjeta'. Il-Qorti ma gietx konvinta sal-grad rikjest mil-ligi illi l-istess socjeta', tramite d-dirigenti taghha naqset mill-fuq imsemmi principji ta' diligenza u prudenza bhal "bonus paterfamilias".

Massimo Lovegrove

Massimo Lovegrove ma pprezenta ebda eccezzjonijiet ghall-kawza. Kif inghad hafna drabi minn dawn il-Qrati, il-kontumacja m'ghandha qatt titqies bhala ammissjoni. Hija titqies bhala kontestazzjoni u konsegwentement, kif gie rilevat fid-decizjoni a **Vol XXIX pIII p35** illi "*ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba biex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.*"

Jirrizulta mill-provi li Massimo Lovegrove kien l-organizzatur tal-party. Kien ghamel ftehim verbali ma' Roger Degiorgio, l-operatur tal-post fejn kellu jsir il-party, cioe' Gianpula, li permezz tieghu, l-istess Lovegrove kellu jbiegh il-biljetti ghall-party, filwaqt li s-socjeta' operatrici ta' Gianpula rceviet minghand Lovegrove, is-somma ta' hames mitt Lira u rrizervat ghaliha d-dritt li topera l-bars waqt il-party.

Ma ngabet lill-Qorti ebda prova li twassalha biex tikkonkludi li Massimo Lovegrove kien b'xi mod jahti ghall-mewt ta' Schembri. Il-Qorti taghmel referenza f'dan il-kuntest ghax-xhieda moghtija mill-istess Supretendent Gatt fuq imsemmija li kkonferma li l-istess pulizija

spezzjonaw il-post qabel ma sar il-party. Kienu ukoll prezenti waqt il-party.

Hawnhekk ukoll, kif sar in relazzjoni mal-konsiderazzjoni tal-provi prodotti fil-konfront ta’ socjeta’ intimata, ir-referenza tal-Ispettur Gatt ghall-iffullar saret in relazzjoni biss ghad-diffikulta’ biex tevakwa l-post wara l-akkadut. Il-Pulizija riedu jwaqqfu l-party u jizguraw li dan isir bl-iktar mod kalm u efficcjenti. Kien f’dan il-kuntest biss li ssemma’ n-numru kbir ta’ nies prezenti.

Fid-dawl ta’ nuqqas ta’ xhieda li titfa’ htija fuq Massimo Lovegrove, u abbazi tal-principju “actor non probante reus absolvitur”, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li t-talbiet attrici fil-konfront ta’ Massimo Lovegrove ukoll ma gewx pruvati.

<u>L-ahwa Mifsud</u>

L-istess jinghad ghall-imsejha fil-kawza l-ahwa Mifsud. Ghalkemm jirrizulta illi dawn kienu fl-istess party u ukoll hadu l-ecstasy mal-mejjet, ma ngabet lill-Qorti ebda prova li tista’ tikkonvinci l-Qorti li ghandhom xi sehem fil-htija tal-mewt ta’ Schembri.

<u>Josef Farrugia</u>

Jirrizulta ampjament mill-provi prodotti illi Josef Farrugia biegh il-pilloli ecstasy liz-zghazagh. Fl-istqarrija tieghu lill-Ispetturi Sandro Gatt u Neville Aquilina, huwa jammetti:

“*Irrid nghid illi l-Hamis, igifieri gurnata qabel ma xtrajna l-biljetti, jien mort il-Katambu u hemm iltqajt ma’ Brian, Sammy Schembri u Robert u dawn staqsewni minn fejn kienu ser igibu l-ecstasy. Jien ghidtilhom li kont ser niccekkja jekk Joseph Scicluna li jghidulu is-Slaces kellux ecstasy u jien gbart il-flus, igifieri Robert hallasni tlettax-il Lira, Sammy Schembri hallasni tliet Liri u nofs u Brian hareg tlettax-il Lira. B’kollox dawn riedu hames pilloli ecstasy. Filwaqt li jien ridt nixtri tlett pilloli ecstasy ghalija. Kif gbart il-flus jien ghidt lil Brian Baldacchino sabiex jigi mieghi u mmorru ghand Joseph Scicluna.*”

Fil-proceduri kriminali migjuba kontrih u decizi fit-28 ta' Mejju 2001 (Att tal-Akkuza 14/2000), huwa ammetta l-bejgh tad-droga lil Sammy Schembri u nstab hati ta' qtil volontarju. Ghalkemm din il-Qorti m'hijiex marbuta mar-rizultanzi tal-proceduri kriminali, l-istess rizultanzi jikkostitwixxu prova ghal din il-Qorti ukoll.

Fis-sentenza moghtija fil-konfront ta' Josef Farrugia, il-Qorti Kriminali kellha dan xi tghid fil-konfront ghad-droga "ecstasy".

"*L-MDMA, apparti li hija droga li llum hi meqjusa li ma ghandha ebda valur terapewtiku (ghalhekk hija "ristretta", ghax anqas tista' tigi preskritta mit-tobba), dejjem tikkawza hsara fil-mohh ta' min jehodha. Anke pillola wahda, mehuda ghall-ewwel darba, tista' tikkaguna hsara rreparabbli fic-celluli tal-mohh, anke jekk din il-hsara ma tkunx percettibbli mill-ewwel minn min jiehu dik il-pillola. Skond il-metabolizmu ta' dak li jkun, pillola wahda tista' – kif effettivament gara f'dan il-kaz – ittella' t-temperatura tal-gisem b'tali mod li prattikament tixwi l-mohh u tikkawza kollass tad-diversi organi tal-gisem – il-qalb, il-fwied, il-kliewi ecc. Ma hemmx "doza" ta' MDMA li hija "safe" (u, per konsegwenza, anqas jista' wiehed jitkellem dwar "overdose"); anke pillola wahda, mehuda ghall-ewwel darba, tista' tikkaguna reazzjoni fatali, bhalma gara f'dan il-kaz.*"

Din il-Qorti tqis illi sabiex tigi radikata responsabilita' ta' min jonqos li jagixxi ta' "bonus paterfamilias" id-dannu kawzat irid ikun prevedibbli anke jekk mhux necessarjament fil-livell ta' dak li fil-fatt irrizulta.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li Josef Farrugia jahti ghall-mewt ta' Sammy Schembri.

Joseph Scicluna

Jirrizulta pruvat illi Josef Farrugia xtara l-pilloli minghand Joseph Scicluna. L-istess Scicluna jammetti hekk mal-Pulizija:

"*Issa rrid nghid il-verita' ezatt. Madwar jumejn qabel ma sar il-party it-Trigger il-Gianpula, kien gie wiehed imlaqqam il-Kalanc ghandi u qalli li hu kien ser jitla' l-party u jien ghidtlu li jien kont xtrajt hames pilloli ecstasy li kellhom il-marka M fuqhom u li jien kont behsiebni intelghahhom mieghi ghall-party. Ftit wara ddecidejt li ma nitlax u ghalhekk tajthom lil Kalanc. Ta' dawn il-hames pilloli ecstasy, Kalanc tani Lm 35. Jien ma nafx x'kien ser jaghmel b'dawn il-pilloli Kalanc.*"

Josef Farrugia stqarr hekk mal-Pulizija:

"*Wara jien, Brian u Joseph ergajna dhalna ghand il-Katambu. Ftaht it-tissue u hadt tlieta ghalija, tajt wahda lil Sammy Schembri, tajt tnejn lil Robert Sammut u tnejn ohra lil Brian Baldacchino. kif jien tajt il-pillola ecstasy lil Sammy dan hareg mill-ewwel mill-hanut u qalli li kien mar jahbi l-pillola ecstasy id-dar. Wara rega' gie ghand il-Katambu u qalli "Strihajt ghax hbejt il-pillola". Wara jien mort lejn id-dar tieghi. Irrid nghid illi lir-Robert Sammut jien tajtu l-pilloli ecstasy fit-triq barra l-hanut. Lil Brian u lil Sammy tajthom il-pilloli fil-hanut stess.*"

Hawnhekk ukoll, fil-konfront ta' Joseph Scicluna, il-Qorti taghmel l-istess konsiderazzjonijiet li ghamlet fil-konfront ta' Josef Farrugia u zzid illi ma jnaqqas xejn mir-responsabilita' ta' Scicluna, il-fatt li dan seta' ma kienx jaf ghal min ezatt kienu destinati l-pilloli. Il-fatt wahdu li ccirkola sostanza perikoluza kif intqal aktar 'il fuq jirradika sodisfacentement ir-responsabilita' tieghu ukoll ghad-dannu kawzat.

Kontributorjeta'

L-ahhar konsiderazzjoni tal-Qorti tirrigwarda sehem l-istess Sammy Schembri fl-akkadut u dan, il-Qorti qed taghmlu in relazzjoni mal-eccezzjoni f'dan is-sens imressqa mill-konvenut Josef Farrugia.

Kif irriteniet il-Qorti Kriminali fis-sentenza wara l-proceduri kriminali fil-konfront ta' Josef Farrugia.

"*Min jiehu pillola kontenenti l-MDMA ikun qieghed, kif fisser tajjeb l-espert Dott. Michael Sammut, jilghab ir-rulett Russu, ipoggi hajtu f'riskju billi deliberatament jaghmel xi haga sabiex ihalli f'idejn ir-regoli tal-probabilita'.*"

F'materja ta' kontributorjeta', dawn il-Qrati konsistentement irritenew illi, kif irritjena Lord Denning fil-kawza "Froom vs Butcher":

"*Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself*" [**The Modern Law of Negligence**, R.A. Buckley, Butterworths (1993) pagna 66].

U fil-kaz **Nance vs British Columbia Elec. Ry** (1951) All.E.R. 488, P.C. kien gie deciz li:

"*When contributory negligence is set up as a defence, its existence does not depend on any duty owed by the injured party to the party sued, and all that is necessary to establish such a defence is to prove .... **that the injured party did not in his own interests take reasonable care of himself and contributed, by his want of care, to his own injury***";

Fil-kaz l-iehor **Jones vs Livox** (1952) I.T.L.R. 1377 intqal:

"*Contributory negligence does not depend on duty of care, it depends on foreseeability. Just as actionable negligence requires the foreseeability of harm to others, so contributory negligence requires the foreseeability of harm to oneself ....*"

Fil-kuntest ta' dan l-insenjament, din il-Qorti ma tistax ma tqis li galadarba l-mejjet ipprokura u assuma d-droga minn jeddu huwa ghandu sehem konsiderevoli mill-htija.

Il-Qorti, ghaldaqstant, tasal ghall-konkluzjoni li r-responsabilita' ghall-akkadut ghandha tinqasam

ugwalment bejn Josef Farrugia, Joseph Scicluna u l-istess Sammy Schembri fi kwoti indaqs bejniethom.

<u>Danni</u>

In linea ta' damnum emergens, jirrizulta pruvat illi l-atturi hargu s-somma ta' (€1,025) ekwivalenti ghal Lm440, biex ikopru l-ispejjez tal-funeral.

In linea ta' lucrum cessans, il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet. Saviour Schembri miet fl-1998 fl-eta' ta' 22 sena. Fiz-zmien tal-mewt kellu paga minima. Kien jaghmel ukoll xi ftit xoghol part-time. Ma ngabet ebda prova li kienet tezisti xi probabilita' li l-qliegh tieghu jizdied. Lanqas ma ngabet prova dwar xi dhul fil-fatt kellu mix-xoghol part-time. F'dan ir-rigward, ghalhekk, il-Qorti, tenut kont ta' "chances and changes of life", u inflazzjoni ser tezercita d-diskrezzjoni taghha u tadotta s-somma komplessiva ta' mija u hamsa u tmenin Ewro (€185) bhala l-qliegh ta' Saviour Schembri, fuq multiplier ta' tletin sena (ara "Sammut vs Zammit", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Dicembru 2004).

Ghalhekk;

Lucrum cessans: €185 x 52 x 30 = €288,600
Damnum Emergens = €1,025
Total = €289,625

Galadarba, il-Qorti tqis li terz tar-responsabilita' taqa' fuq l-istess defunt, Josef Farrugia u Joseph Scicluna ghandhom kull wiehed ihallsu lill-atturi, terz mill-ammont fuq stabbilit, jigifieri kull wiehed sitta u disghin elf, hames mija u tnejn u erbghin Ewro (€96,542). Peress illi s-sentenza qeghda tinghata llum u cioe' hdax-il sena wara l-mewt ta' Sammy Schembri, m'huwiex qed jinqata' ebda ammont minhabba lump sum payment.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tal-atturi fil-konfront ta' Massimo Lovegrove, Yoris Limited, Johann Mifsud u Herbert Mifsud ghaliex mhux pruvati; tilqa' l-ewwel talba fil-konfront ta' Josef Farrugia u

Joseph Scicluna; tilqa’ t-tieni talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta’ mitejn u disgha u tmenin elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€289,625); tilqa’ t-tielet talba u tikkundanna lil Josef Farrugia jhallas lill-atturi s-somma ta’ sitta u disghin elf, hames mija u tnejn u erbghin Ewro (€96,542); u tikkundanna ukoll lil Joseph Scicluna jhallas lill-atturi, is-somma ta’ sitta u disghin elf, hames mija u tnejn u erbghin Ewro (€96,542).

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu minn Josef Farrugia u Joseph Scicluna fi kwoti ndaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------